


# X'niftakar dwar l-Innu lill-Madonna ta' Lourdes

**Minn Dun Frans Camilleri**



Għadni niftakar tajjeb lis-Surmast Karmenu Scicluna li kien talabni niktiblu innu lill-Madonna ta' Lourdes biex jimmużikah għall-Każin tal-Banda tal-Qrendi ''Madonna ta' Lourdes''. Kien fl-ewwel xhur tas-sena 1947; u għandi miktub li kien fis-16 u s-17 ta' Settembru 1947 li jien ktibt dan l-Innu u tajtu lis-Surmast K. Scicluna biex jikteb il-mużika għalih.

Niftakar ukoll li meta ltqajna l-Belt, quddiem il-Palazz tal-President, is-Surmast Scicluna, meta talabni l-Innu lill-Madonna ta' Lourdes, kien urieni li xtaq ħafna li jien insemmi l-qniepen billi hu kien fi ħsiebu jdaħħal il-qniepen flimkien ma' l-istrumenti tal-Banda. U jien, biex inferrħu, bdejt bil-qniepen fl-ewwel vers ta' l-innu li ktibtlu.

Dan l-Innu kien wieħed fost l-ewwel mitt innu li ktibt u li ħirġthom fi ktieb bl-isem ''Innijiet'' fis-sena 1948. F'dak iż-żmien Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali, u jien kellna rabta kbira bejnietna fil-kitba ta' l-innijiet. Sa l-aħħar gwerra dinjija l-biċċa l-kbira ta' l-innijiet tagħna kienu jinkitbu bit-Taljan. Wara l-gwerra bdew jinkitbu bil-Malti. Dun Karm kiteb ħafna. Jien li kont tħabbibt miegħu fil-gwerra, kelli nitgħabba minfloku bil-kitba ta' l-innijiet għall-parroċċi, għall-każini tal-baned, soċjali u sportivi, u għal l-iskejjel. Għaliex Dun Karm, meta beda jegħja, lil kull min kien jitolbu innu, kien jibagħtu għandi u jgħidlu li jien naqdih tajjeb u b'xejn, kif kien jagħmel huwa nnifsu. B'hekk li jien sal-lum ktibt fuq l-400 innu.

Lil Dun Karm kont bgħattlu l-ewwel ġabra ta' Innijiet; u bħalma kien għamel fid-drabi l-oħra li jien bgħattlu xi ktieb tiegħi, huwa kitibli mhux biss biex jiżżini ħajr tal-ktieb imma wkoll biex iniżżel xi kummenti dwar il-kitba tiegħi li ma kienx jistħoqqilha dak it-tifħir minn poeta hekk kbir. Din kienet, kelma b'kelma, l-ittra li bagħatli Dun Karm:-

*1 ta' Frar, 1949*

*Għażiż Dun Frans,*

*Niżżik ħajr mill-ħsieb li ħadt tiegħi, u mbagħad mill-ktieb ''Innijiet'' li inti bgħattli bħala turija ta' ġieħ u ta' ħbubija. Il-ktieb stħajjiltu bħala larinġa Maltija, minn dawk li niżlu l-anġli jħawluha fl-art tagħna; il-qoxra sabiħa fil-lewn u fit-tifsila tagħhom; imma l-flieli ta' ġewwa huma isbaħ, bosta isbaħ. Ngħidlek is-sewwa, malli doqt l-ewwel felli, xtaqt li niblagħha sħiħa din il-larinġa, imma billi daqsxejn kbira, kelli nikolha felli felli: togħmithom tajba wisq.*

*Issa niżżik ħajr tassew mhux biss mill-ktieb li bgħatt lili, imma mill-poeżija li inti qiegħed tagħti lil Art Twelidna, poeżija artistika, mexxejja, li mal-ġmiel tal-versi tgħaqqad il-ġmiel tal-ħsieb u tat-tqanqil reliġjuż.*

**Dun Karm Psaila**